MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Numru 386/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**Vs**

Charles Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Charles Vassallo ta' karta ta' identita' numru 244979(M), akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Novembru, 2003 jew fil-jiem jew xhur ta' qabel, f'hinijiet differenti, b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih mis-somma ta' mitt lira (Lm100) ghad-detriment tal-kumpanija

Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited, u li dan kien possibbli minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-imsemmija somma jew li jsir uzu minnha specifikat, dan bi ksur tal-Artikoli 293, 294, 310 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' Lm100 ghad-danni tal-kumpanija Francis Busuttil & Sons (Marketing) Ltd., dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, 310 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni huwa ppersista anke meta l-Qorti ikkonceditlu zmien sabiex jirrikonsidraha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat ta' appropjazzjoni indebita u truffa fuq cekk li hareg ta' Lm100 li ma giex onorat.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat qeghdha minnufih tghaddi ghall-piena.

Rat l-artikolu 293, 294, 308, 309, 310 u 18 tal-Kap 9 u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tiddecidi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum. Tikkundannah ukoll li entro l-istess zmien ihallas l-Lm100 lill-parti leza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------